NEWS RELEASE

UNITED NATIONS HUMAN RIGHTS SPECIAL PROCEDURES
SPECIAL RAPPORTEURS, INDEPENDENT EXPERTS & WORKING GROUPS

# Malta: Progress qawwi iżda kultura patrijarkali għadha żżomm lin-nisa lura, jgħidu l-esperti tan-NU

IL-BELT VALLETTA (7 TA' LULJU 2023) – Malta għamlet progress sinifikanti fil-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, speċjalment fil-parteċipazzjoni ekonomika tan-nisa, iżda għad hemm tħassib dwar l-isfidi li għandhom l-għeruq fi rwoli diskriminatorji tal-ġeneru, qalu l-esperti tan-NU llum.

"Minkejja garanziji kostituzzjonali b'saħħithom għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, oqfsa leġiżlattivi u istituzzjonali impressjonanti, kif ukoll mekkaniżmi speċjalizzati għall-implimentazzjoni tal-politiki dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, smajna ripetutament li l-progress ġie mfixkel minn strutturi u minn twemmin patrijarkali," qal il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet f'dikjarazzjoni fi tmiem żjara ta' 12-il jum fil-pajjiż.

"Dan qed iżomm lura lin-nisa u lill-bniet milli jsibu post ġenwinament ugwali fil-ħajja pubblika u privata," qalu.

L-esperti nnutaw li l-fehmiet patrijarkali li jissuġġerixxu li n-nisa huma inqas adatti biex imexxu għandhom impatt sinifikanti fuq il-kapaċità tan-nisa li jipparteċipaw fil-ħajja pubblika u ekonomika tal-pajjiż. Għalkemm fl-2022 ġew introdotti kwoti elettorali, it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi għadu ddominat mill-irġiel. Nisa diversi, b'mod partikolari nisa migranti, dawk li qed ifittxu l-ażil u refuġjati, nisa b'diżabilità u nisa akbar fl-età, għadhom jiffaċċjaw forom differenti ta' diskriminazzjoni u ta' ksur tad-drittijiet.

"Malta għamlet progress notevoli fl-għoti tas-setgħa ekonomika lin-nisa matul dan l-aħħar deċennju," qalu l-esperti. "Madankollu, in-nisa għadhom jiffaċċjaw sfidi fir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja u fil-qsim b'mod ugwali tar-responsabbiltajiet tal-kura. Id-diskriminazzjoni bejn il-ġeneri spiss tibda fil-familja u għandha impatt negattiv fuq l-oqsma kollha tal-ħajja tal-bniet u tan-nisa."

Sa dan l-aħħar, Malta kellha projbizzjoni assoluta fuq l-abort, bi projbizzjoni tat-terminazzjoni tat-tqala anke jekk il-ħajja tal-mara tkun f'riskju. Fit-28 ta' Ġunju, il-Parlament għadda abbozz ta' liġi li jemenda l-Kodiċi Penali biex jiddekriminalizza l-abort biss f'każijiet fejn il-ħajja tal-mara tkun f'periklu immedjat, wara l-valutazzjoni ta' tim mediku.

L-esperti esprimew id-dispjaċir tagħhom li l-verżjoni preċedenti tal-abbozz ta' liġi – li kellha ambitu usa' – ġiet miċħuda.

Huma enfasizzaw li d-dritt ta' terminazzjoni tat-tqala huwa fil-qalba tad-drittijiet fundamentali tan-nisa u tal-bniet għall-ugwaljanza, għad-dinjità, għall-awtonomija,

għall-integrità tal-ġisem, għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ogħla standard possibbli ta' saħħa fiżika u mentali, inkluża s-saħħa sesswali u riproduttiva, mingħajr diskriminazzjoni, u d-dritt li persuna tkun ħielsa mit-tortura u minn trattament krudili, inuman jew degradanti, skont l-istandards internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem.

Id-*data* mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa wriet li l-kriminalizzazzjoni tat-terminazzjoni tat-tqala ma tnaqqasx in-numru ta' aborti. Il-pajjiżi fejn in-nisa għandhom id-dritt għat-terminazzjoni tat-tqala u huma pprovduti b'aċċess għall-informazzjoni u għall-metodi kollha ta' kontraċezzjoni, għandhom l-aktar rati baxxi ta' terminazzjoni tat-tqala.

"Aħna nfaħħru lil Malta għall-impenn qawwi tagħha li tindirizza l-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru. Sfortunatament, il-vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, li hija l-aktar manifestazzjoni krudili ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru, għadha mifruxa," qalu l-esperti. "Aħna semmejna b'mod konsistenti li n-nisa jiffaċċjaw ostakli sostanzjali għall-ġustizzja, inkluż dewmien, proċeduri burokratiċi u tweġibiet inkonsistenti skont ma' min jiltaqgħu fis-sistema."

L-esperti ħeġġew lill-Gvern biex jiġbor *data* nazzjonali fis-sistema kollha biex itejjeb l-isforzi biex jitneħħew l-ostakli għat-tgawdija min-nisa u mill-bniet tad-drittijiet tagħhom, inkluż il-libertà mill-vjolenza bbażata fuq il-ġeneru. "Billi tmur lil hinn mir-rwoli u l-aspettattivi tradizzjonali tal-ġeneru, Malta tista' tisfrutta l-potenzjal tal-individwi kollha u toħloq soċjetà fejn l-ugwaljanza timxi 'l quddiem," qalu.

"Aħna nittamaw b'mod sinċier li l-awtoritajiet tal-Istat, flimkien mal-ġenerazzjonijiet iżgħar u s-setturi kollha tas-soċjetà, se jimpenjaw ruħhom għall-azzjonijiet trasformattivi meħtieġa biex ikomplu jġibu bidla pożittiva għad-drittijiet tal-bniedem tan-nisa u l-bniet," qalu l-esperti.

TMIEM

*L-esperti ltaqgħu ma' uffiċjali pubbliċi, ma' Parlamentari, ma' imħallfin u ma' avukati, ma' professjonisti tas-saħħa u tal-iskejjel, mal-persunal tal-ħabs, maċ-ċentru ta' detenzjoni tal-immigrazzjoni u mad-detenuti nisa, ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u mal-akkademja, ma' bniet u ma' nisa minn komunitajiet u vittmi/superstiti differenti ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru fil-Belt Valletta, Bormla u Birżebbuġa.*

*Il-Grupp ta' Ħidma se jippreżenta r-rapport finali tiegħu lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġunju 2024.*

* Il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar id-diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet inħoloq mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2010 biex jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġu eliminati l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa u l-bniet madwar id-dinja f'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha. ***Dorothy Estrada Tanck*** *(Chairperson),* ***Elizabeth Broderick, Ivana Radačić, Meskerem Geset Techane*** *u* ***Melissa Upreti.***

*Ir-Rapporteurs Speċjali, l-Esperti indipendenti u l-Gruppi ta' Ħidma huma parti minn dawk li huma magħrufin bħala* ***l-Proċeduri Speċjali*** *tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. Proċeduri Speċjali, l-akbar korp ta' esperti indipendenti fis-sistema tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, huwa l-isem ġenerali tal-mekkaniżmi indipendenti ta' tiftix tal-fatti u ta' monitoraġġ tal-Kunsill*

*li jindirizzaw sitwazzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżi jew kwistjonijiet tematiċi fil-partijiet kollha tad-dinja. L-esperti tal-proċeduri speċjali jaħdmu fuq bażi volontarja; mhumiex persunal tan-NU u ma jirċevux salarju għax-xogħol tagħhom. Huma indipendenti minn kwalunkwe gvern jew organizzazzjoni u jservu fil-kapaċità individwali tagħhom.*

*Għal aktar informazzjoni u **talbiet mill-media**, jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim ta' appoġġ tal-Grupp ta' Ħidma fuq: ohchr-dl-wgdawprofessionalteam@un.org*

*Għal **mistoqsijiet mill-media** relatati ma' esperti indipendenti oħra tan-NU, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Maya Derouaz (maya.derouaz@un.org) jew lil Dharisha Indraguptha (dharisha.indraguptha@un.org)*

*Segwi l-aħbarijiet relatati mal-esperti indipendenti tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fuq Twitter @UN_SPExperts*

*Imħasseb/imħassba dwar id-dinja li ngħixu fiha?*
***Allura AĦDEM FAVUR id-drittijiet ta' xi ħadd illum.***
*#Standup4humanrights*
*u żur il-paġna web fuqhttp://www.standup4humanrights.org*